



Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea
STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 122/15
Il-Lussemburgo, 8 ta' Ottubru 2015

Stampa u Informazzjoni

Antonio Tizzano elett Viċi President tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea

Wara t-tibdil parpjali tal-Membri tal-Qorti tal-Ġustizzja¹, Antonio Tizzano ġie elett bħala Viċi President tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għall-perijodu bejn it-8 ta' Ottubru 2015 u s-6 ta' Ottubru 2018. Huwa jieħu post Koen Lenaerts, li ġie elett President tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

Curriculum vitae ta' Antonio Tizzano

imwieled fl-1940; professur tad-dritt tal-Unjoni Ewropea fl-Università La Sapienza, Roma; professur fl-universitajiet "Istituto Orientale" (1969-1979) u "Federico II" ta' Napoli (1979-1992), ta' Catania (1969-1977) u ta' Mogadishu (1967-1972); avukat fil-Qorti tal-kassazzjoni Taljana; konsulent legali fi īndan ir-rappreżentanza permanenti tar-Repubblika Taljana għall-Komunitajiet Ewropej (1984-1992); membru tad-delegazzjoni Taljana fin-negożjati dwar l-adeżjoni tar-Renju ta' Spanja u tar-Repubblika Portugiża mal-Komunitajiet Ewropej, dwar l-Att Uniku Ewropew u dwar it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea; awtur ta' diversi pubblikazzjonijiet, fosthom kummentarji dwar it-Trattati Ewropej u l-Kodiċi tal-Unjoni Ewropea; fundatur u direttur mill-1996 tar-rivista "Il Diritto dell'Unione Europea"; membru tal-kumitat ta' tmexxija jew ta' redazzjoni ta' diversi rivisti ġuridiċi; relatur f'diversi kungressi internazzjonali; konferenzi u korsiġiet f'diversi istituzzjonijiet internazzjonali, fosthom l-Académie de droit international ta' Den Haag (1987); membru tal-grupp ta' esperti independenti maħtura sabiex jeżaminaw il-finanzi tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (1999); Avukat Ġenerali fil-Qorti tal-Ġustizzja mis-7 ta' Ottubru 2000 sat-3 ta' Mejju 2006; Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja mill-4 ta' Mejju 2006; Viċi President tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea mit-8 ta' Ottubru 2015.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

Kuntatt għall-istampa: Christopher Fretwell ☎ (+352) 4303 3355

¹ Ara l-Istqarrija għall-istampa Nru [113/15](#) tal-5 ta' Ottubru 2015.